## *Storja ta' Soċjetà*

# Fil-150 sena anniversarju mit-twaqqif tal-Għaqda Mużikali San Leonardu

**Kenneth Cassar**
**B.A. (Hons.) History of Art**

Naħseb huwa biss xieraq li f'din l-okkażjoni unika li fiha l-Għaqda Mużikali San Leonardu f'Ħal Kirkop qegħda tfakkar għeluq il-150 mit-twaqqif tagħha bħala soċjetà, ngħatu ħarsa lejn l-istorja li sawwret dan is-seklu u nofs. Storja ta' nies, Koppin bħalna, storja ta' ferħ, storja ta' impenn u sagrifiċċju, storja ta' valuri sbieħ u diffikultajiet, imma fuq kollox storja ta' devozzjoni lejn il-qaddis Patrun tagħna San Leonardu; l-istorja ta' missierijitna. Għax tabilħaqq mhux il-bini, l-assi jew l-opri tal-festa li jagħmlu soċjetà, iżda n-nies li matul das-snin kollha ħadnu f'qalbhom l-Għaqda Mużikali tagħna. Dak li sirna llum jirrifletti l-passat tagħna. Kien is-sagrifiċċju ta' bosta ġenerazzjonijiet li wassalna sal-ġurnata ta' illum. Għaldaqstant ma nistgħux nonqsu milli b'sens ta' rikonoxximent ngħatu ħarsa lejn il-passat, sabiex ilkoll nifhmu x'inhu l-preżent. Sa minn dejjem l-għan ewlieni tal-Għaqda Mużikali San Leonardu kien li jkattar id-devozzjoni li timmanifesta ruħha bl-aktar mod ċar fil-festa. L-ewwel regola, fuq quddiem nett tal-istatut tal-Għaqda tgħid: "L-iskop tal-każin huwa għall-għajnuna tal-banda, il-festa ta' San Leonardu kif ukoll ir-rikrejazzjoni tas-soċi". In-nies jinbidlu, biss l-iskop ewlieni baqa l-istess, u dan huwa dak li jżommna għaddejjin, b'tant enerġija sal-ġurnata ta illum.

Fil-paġni li ġejjin ser inkunu qegħdin ngħatu ħarsa ħafifa lejn l-istorja tal-Għaqda Mużikali San Leonardu.[1] Hemm ħafna x'jista' jingħad u hemm ħafna aktar li għad irid jiġi skopert b'aktar studju u riċerka. Dan li ġej huwa primarjament ibbażat fuq sorsi sekondarji, akkumpanjat minn kummenti u esperjenzi ta' bosta nies li għexu uħud mill-aktar paġni importanti tas-Soċjeta' tagħna. Dan li ġej ser iservi bħala punt ta' tluq għal aktar riċerka 'il quddiem.

## Fil-Bidu

Hu mifhum li s-soċjetà li minnha tnisslet l-Għaqda Mużikali San Leonardu kif nafuha illum, ġiet imwaqqfa' fl-1858. Fil-bidu dan kellu l-forma ta' għaqda soċjali, wieħed mid-diversi *Circoli* li minnhom kien hawn kważi f'kull raħal Malti tas-seklu dsatax. Fost l-għanijiet ta' din l-għaqda kien hemm dik li jieħdu ħsieb iċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa titulari ta' Ħal Kirkop. Qegħdin nitkellmu dwar festeġġamenti sempliċi li kienu jdumu biss ġurnata, propju fil-jum tal-festa liturġika ta' San Leonardu fis-6 ta' Novembru. Madanakollu ta' min

isemmi li din l-għaqda kienet tgawdi l-approvazzjoni u l-isforz kollettiv tal-Koppin kollha, dan għaliex il-pika li ġabet magħha l-introduzzjoni tal-fratellanza ta' San Ġużepp kienet għada għoxrin sena 'il bogħod.[2] Biss ta' min jinnota li hekk kif ser naraw aktar 'il quddiem din l-Għaqda kellha wkoll il-banda u probabli l-armar tagħha; mill-arkivji tal-parroċċa nafu ukoll li n-nar kien għal sekli sħaħ parti integrali mill-festa, u għaldaqstant wieħed jista' faċilment jikkonkludi li din l-għaqda hija riflessjoni embrijonali tal-Għaqda Mużikali San Leonardu għaliex kienet taqdi l-istess għanijiet li baqgħu magħha konstantement matul dawn il-150 sena, propju sal-ġurnata ta' illum.

## Banda San Leonardo

Minn fost l-aspetti varji ta'l-Għaqda Mużikali San Leonardu jidher li l-istorja tal-Banda hi l-aktar rakkont integru u għaldaqstant ser nibdew minnha sabiex tgħina nibnu storja kemm jista jkun ċara ta' dan is-seklu u nofs.

Il-Banda San Leonardu taf l-oriġini tagħha lil Banda Unione, l-ewwel banda Koppija li iffurmat taħt il-patroċinju tal-Għaqda mwaqqfa' fl-1858 u li, kif rajna, minnha tnisslet l-Għaqda Mużikali San Leonardu hekk kif nafuha illum. Għal xi żmien din il-banda kienet ukoll iġġib l-isem ta' Filarmonica Casal Chircop. Fost l-ewwel surmastrijiet tal-banda nsibu lil Maestro Ignatio Catania minn Bormla, li ta' żmienu għadna insibu dokumentati is-siltiet li l-banda esegwixxit f'żewġ programmi strumentali.[3] Fil- *Gazzetta di Malta* tat-3 ta' Novembru 1896 insibu li *"in occasione della festivita' di S. Leonardo Abate, Patrono di Casal Chircop, la Societa' Filarmonica San Leonardo eseguira Giovedi' 5 Novembre alle ore 8 p.m. in Piazza Maggiore..."* Fost is-siltiet li ndaqqu insibu: *Marcia San Leonardo* ta' Leonardu Ellul, *Sinfonija Nabucco* ta' Giuseppe Verdi, *Pezzi scelti Lucia* ta' Gaetano Donizetti, *Vals Dream Memories* ta' Georges Bizet, *Pezzi scelti Lombardi* ta' Verdi, *Polka La Rosa* ta' Ignazio Catania u l- *God Save the Queen.*[4] Fil-21 ta' Novembru tal-istess sena fuq l-istess ġurnal insibu:

*Martedi 24 e Mercoledi 25 corrente si celebra al Zurrico la Festivita di S.Caterina V.M. Patrone del Casale. Intanto vi prenderanno parte li Filarmoniche qui sotto indicatiche eseguiranno rispettivamente I seguenti programmi. Martedi 24 Novembre La Societa Filarmonica San Leonardo.... I. Catania Direttore.*

Fost is-siltiet li ndaqqu dakinhar insibu il- *Passo Doppio San Leonardo* ta' Leonardo Ellul, *Sinfonia L' Estate* ta' Michele De Ferraris, *Pezzi scelti Lombardi* ta' Giuseppe Verdi, *Valser Danau* ta' Willen I. Ivanovici, *Cavatino Due Foscari* ta' Verdi, *Mazurca Minnie* ta' F Vecchioni u l-*God Save The Queen.*[5] Il-fatt li f'qasir żmien, il-Banda San Leonardo kienet kapaċi ttella' żewġ programmi strumentali kwazi għal kollox differenti fis-siltiet magħżula tixhed il-bravura tas-surmast direttur Catania u l-kompetenza ta' din il-banda fis-seklu dsatax.

Il-pika li ġabet magħha t-twaqqif tal-fratellanza ta' San Ġużepp fl-1878 kienet waħda mil-kawżi ewlenin għaliex l-Għaqda li kienet tħaddan il-Banda Unione bidlet isimha għal *Società Filarmonica San Leonardo* biex b'hekk fl-1899, taħt id-direzzjoni tal-istess Maestro Catania, il-banda ħadet l-isem ta' Banda San Leonardo. Ta' min isemmi li hekk kif insibu fil-*Guida Generale di Malta* għas-sena 1899, l-ewwel president ta'din il-banda b'isem ġdid kien ħadd ħlief il-Kavallier Gustav Gollcher akkumpanjat minn Alfons Maria Spiteri bħala segretarju.[6] Jidher li dawn baqgħu jokkupaw dawn il-karigi minn tal-inqas sa l-1903 meta jerġgħu jissemmgħu fl-istess reġistri ta' dik is-sena.[7] Hawn ta' min jagħmel referenza lejn

l-importanza tal-figura ta' Gustav Gollcher bħala president. Mwieled fis-26 ta' Diċembru 1854, il-Kavalier Gustav Gollcher kien bniedem distint u rispettat.[8] Kif żviluppat il-konnessjoni tiegħu ma l-Għaqda Mużikali San Leonardu għadu mhux magħruf, biss huwa ta' unur imprezzabli li bniedem tax-xorta tiegħu serva bħala President tal-Għaqda tagħna fil-perijodu meta il-Banda San Leonardo ħadet l-isem uffiċjali tagħha fl-1899. Kien bis-saħħa tiegħu l-Banda San Leonardo kienet tagħti l-kontribut tagħha f'ħafna fieri u lotteriji li l-gvern ta' dak iż-żmien kien jorganizza.[9] Jingħad ukoll li l-Banda San Leonardo marret tilqa' lil Prince of Wales f'xi okkażjoni meta dan kien ġie Malta u ta' dan ġiet irregalata bandiera. Il-bandiera hija illum mitlufa biss, wirt ta'din il-banda għad għandna l-katuba u t-tamborlin (illum fis-sala).[10] Ta' min isemmi li l-Kavalier Gollcher jiġi missier il-Kaptan Olof Frederick Gollcher (1889 – 1962), il-bniedem li wara mewtu ħalla id-dar tiegħu fl-Imdina (li hu kien isibha bħala n-*Norman House,* illum Palazzo Falson) u il-ħamsa u erbgħin kollezzjoni ta' pitturi, fidda, amara u armi antiki, ġojjellerija, tessuti orjentali u opri storiċi u arkeoloġiċi lil *Captain O F Gollcher OBE Art and Archeological Foundation*, bl-għan li kollox ikun miftuħ għal pubbliku. Illum il-ġurnata dan kollhu hu aċċessibli għal pubbliku f'Palazzo Falson *Historic House Museum* taħt ir-responsabilita' tal- Fondazzjoni Patrimonju Malti.[11] Il-Kavalier Gustav Gollcher miet fit-28 ta' Jannar 1922 u jinsab midfun fiċ-Ċimiterju Verano f'Ruma.[12] Bla dubju din hija konnesjoni mill-aktar interessanti li dwara għad irid isir ċertu studju.



Edward Caruana Dingli, ritratt tal-Kav. Gustav Gollcher, 1920. Żejt fuq tila, kollezzjoni Palazz Falzon Historic House Museum, Mdina

Fil-perjodu bikri tas-seklu għoxrin, ħafna mill-każini f'Malta kien ikollhom għaqda teatrali, il-Banda San Leonardo kienet taqdi ukoll id-dmirijiet ta' orkestra li setgħet takkumpanja fir-rappreżentazzjonijiet, li kienu jsiru mill-istess għaqda teatrali fi ħdan is-Soċjetà. Il-post li kien jntuża sabiex jittellgħu dawn ir-rappreżentazzjonijiet hi r-remissa illum magħruf bħala il-mitħna (ta' Benedett Sacco, Baġoġa) fi Triq San Leonardu.[13] Protagonist fil-ħidma ta' din l-għaqda teatrali kien Giovanni Battista Cutajar (ta' Dovik) li fiż-żmien li għamel imsiefer Toronto sa l-1934 kien sostitwit



Ir-Remissa fi Triq San Leonardu fejn kien isir it-teatru



Giovanni Battista Cutajar

minn Carmelo Falzon (ta' Ċoqq) bħala direttur. Ta' min isemmi li Giovanni Battista Cutajar fiż- żmien li għamel imsiefer kien irnexxilu jagħmel studju tajjeb permezz ta' bosta korrispondenza lejn Franza li biha rnexxielu jikteb l-istorja tal-ħajja ta' San Leonardu sal-25 ta'Marzu 1928, id-data li tidher fuq ir-rakkont li grazzi għal Tommaso Farrugia (President ta'l-Għaqda) kien irnexxielu jippublika fl-Empire Press fl-1929.[14] Interessanti l-fatt li sa l-1960 fuq fuljett li kien tqassam dwar il-ħajja tal-Qaddis, dan il-ktieb kien għadu qiegħed jiġi reklamat. Insibu ukoll li dan Cutajar kien anke' irnexxielu jiddrammatizza l-ħajja ta' San Leonardu, u għalkemm kien beda ix-xogħol sabiex tittella' rappreżentazzjoni kellu jieqaf kollox ħesrem minħabba iċ-ċensura imposta mill-awtoritajiet ekklesjastiċi ta' dak iż-żmien.[15] Mal-mewt ta' Cutajar fl-1936, il-kumpanija teatrali bdiet tnaqqas ħafna mill-attivita' tagħha. Kien hawn li bosta mużiċisti orkestrali kienu iddeċidew li jiffurmaw banda u għalhekk warrbu l-istrumenti tal-korda u qalbu għal dawk tal-banda.[16]

Iżda l-istorja ta' din il-banda rat ukoll mumenti ta' diffikultajiet. Meta feġġgħet l-Ewwel Gwerra Dinjija fl-1914 bosta mill-bandisti tferrxu u l-ftit bandisti li kien għad fadal kienu impenjati biss fl-attivitajiet teatrali. Bosta mill-attivitajiet f'Malta wara l-gwerra kienu sfrattaw, l-aktar minħabba l-fatt li kienet faqqgħet l-influwenza Spanjola. Il-banda kien baqa' jieħu ħsiebha Leonardu Ellul, pero' jidher li ma kinitx baqgħet attiva wisq, probabli għaliex kien hemm nuqqas kemm ta' finanzi kif ukoll ta' bandisti.[17] Bejn l-1928 u 1929 insibu lis-segretarju ħabrieki Karmenu Falzon jirsisti maż-żgħażagħ sabiex imorru Ħal Luqa jitgħallmu l-mużika għand Andrea Mamo u b'hekk l-orkestra setgħet terġa' tqum fuq saqajha.[18] Żmien diffiċli iehor għall-banda kien żgur dak tat-Tieni Gwerra Dinjija meta l-attivitajiet kollha tal-pajjiż kienu waqfu ħesrem. Meta l-*air raids* battew, u l-ħajja reġgħet bdiet tiġi lura għan-normal, xi membri mħeġġa minn ex-bandisti anzjani, bdew imorru jitgħallmu l-mużika fil-każin tal-Banda Sant'Andrija ta' Ħal-Luqa sakemm is-Soċjeta' inkarigat lil Maestro Angelo Pace biex imexxi l-banda u jistruwixxi l-aljievi.[19] B'hekk il-Banda San Leonardo reġgħet bdiet timxi 'il quddiem b'pass kostanti.

Wara l-ħidma ta' Maestro Pace, il-banda għaddiet taħt id-direzzjoni ta' Maestro Joseph Bilocca għal madwar ħames snin, biex wara l-kumitat ħatar lil Maestro Leonard Agius, iben l-istess Għaqda Mużikali tagħna, bħala surmast direttur.[20] Hawn il-banda, mogħnija b'talenti solisti mill-aqwa bħal dawk ta' Andrew Ellul, Leonard Sacco u Joseph Cassar, kompliet issaħħaħ il-parteċipazzjoni tagħha kull meta ġiet mistiedna idoqq barra Ħal Kirkop.[21] Kien f'dan iż-żmien li l-Banda San Leonardo esegwixxit programmi f'Misraħ San Ġorġ u f'Misraħ il-Palazz il-Belt Valletta; nafu li daqqet ukoll waqt it-tlugħ tal-lotterija nazzjonali.[22] Meta Maestro Agius emigra lejn Detroit fl-Istati Uniti fit-3 ta' Diċembru 1951, l-Banda għaddiet għal għoxrin sena bejn l-1952 u l-1972, taħt il-bakkettati ta' Maestro George Martin, surmast li żgur jibqa' maħbub mill-Koppin għall-*Innu Tifħir*



Mro Joseph Bilocca

*lil San Leonardu*, li kien ikkompona fl-1954, kif ukoll għall-*Innu tal-Banda*.[23] L-ewwel servizz tiegħu bħala surmast seħħ fis-26 t'Awwissu 1952 għall- okkażjoni taċ-ċelebrazzjoni tal-ewwel quddies ta' Dun Leonardo Farrugia meta l-banda wasslietu b'marċi trijonfali mill-knisja għad-dar.[24] Kif ser naraw aktar 'il quddiem dan is-surmast baqa' magħruf mhux biss għall-marċi li ikkompona għal banda, iżda fuq kollox għas-sehem tiegħu fil-festi ċentenarji tal-1960. Wara is-Surmast Martin kien imiss lil Maestro Mikiel Angelo Farrugia li jidderieġi l-banda.[25] Taħt dan is-surmast il-banda bdiet ittella' marċ brijjuż u programm strumentali fl-aħħar tridu tal-festa u għall-ewwel darba beda jsir il-marċ ta' wara nofisnhar, nhar il-festa. Żgur li ħafna mill-Koppin għadhom jiftakru is-snin ta' Maestro Gaetano Zammit li nħatar surmast direttur fl-1978. F'dan il-perijodu l-banda kienet ħadet spinta 'il quddiem; Maestro Zammit għallem bosta aljievi u ta' kull Ġimgħa kien itella' kunċerti u programm mingħajr tbatija. Dan kollu wassal sabiex il-banda toħroġ tagħti is-servizz tagħha fil-festi ta' numru sabiħ ta' lokalitajiet Maltin fosthom iż-żewġ festi ta' Ħal Qormi, il-Pieta', Tas-Sliema, il-Birgu, il-Ħamrun, il-Gudja, Ħaż Żebbuġ u l-Belt Valletta fl-okkażjoni ta' Jum ir-Repubblika.[26] Dan is-surmast jibqa' wkoll imsemmi għad-diversi marċi fosthom innu marċ tal-banda u innu marċ *Tislima lil San Leonardu* bi kliem tal-mibki partitarju Joseph Carbone.


Mro Leonard Agius


Mro Gaetano Zammit waqt kunċert fl-1980.

Il-bqija hi pjuttost storja reċenti iżda importanti. Mill-1995 il-Banda San Leonardo għaddiet taħt id-direzzjoni tal-bravu Maestro Ugo Buhagiar, surmast istruwiet li kif nisimgħu ta' kull sena wassal il-banda għall-livelli għoljin ħafna. Mro Buhagiar ikkompona diversi marċi brijjużi, marċi funebri, mużika klassika u l-aktar għal qalbu mużika moderna. L-arranġamenti li ta' kull sena jħejji għal programm vokali u strumentali fl-okkażjoni tal-festa, mhux biss qed jirċievu t-tifħir tad-dilettanti lokali iżda wkoll apprezzament ta' bosta mħarrġa fil-mużika. Fl-1999, fl-okkażjoni tal-mitt sena mit-twaqqif tal-Banda San Leonardo ikkompona sinfonija mill-isbaħ bl-isem ta' *Ċentenarja* u fl-2006 waqqaf il- *Brass Band* fi ħdan is-soċjetà, li kull ma jmur qegħda tagħti sehema dejjem aktar f'bosta *festivals* lokali u ġewwa l-lukandi ewlenin.

Fost l-okkażjonijiet memorabli kemm għall-Banda u anke' għall-Għaqda Mużikali tagħna wieħed isib


Il-Każin fi Triq il-Parroċċa qabel it-Tieni Gwerra Dinjija

il-wasla tal-istatwa l-ġdida ta' San Leonardu maħduma mid-ditta Ferdinando Stufleisser Scultore Ortisei, Bolzano fl-1949, il-festi ċentenarji tal-1960, għeluq l-erba'mitt sena mit-twaqqif tal-parroċċa fl-1992 u għeluq il-mitt sena tal-Banda San Leonardo fl-1999.

## Każin

Matul dawn il-150 sena ta' storja l-Għaqda Mużikali kellha diversi sedijiet minn fejn setgħet topera. Nafu li għal ħabta tal-ewwel gwerra l-każin kien jinsab f'dar li snin wara kienet okkupata minn Franġisk Spiteri (il-Fre), fi Triq San Leonardu in-naħa ta' fuq li illum tifforma parti minn Triq San Benedittu.[27] Għal ħabta tas-snin tletin l-indirizz tal-Għaqda San Leonardu inbidel għal Numru 1 fi Triq San Leonardu, post li twaqqa' biex saret id-daħla ta' Pjazza Żernieq. Sa qabel it-Tieni Gwerra Dinjija l-Għaqda kien irexxiela timxi għal post prominenti fi Triq il-Parroċċa, preċiżament quddiem il-knisja fiż-żona fejn illum hemm ir-residenza tal-kappillan. Parti min din id-dar iġġarfet fil-gwerra, biss b'xorti tajba għad għandna ritratt li juri d-dehra tal-post li dwaru qegħdin nitkellmu. Fl-1942, wara l-gwerra l-Każin mexa għar-residenza li għada tokkupa sa illum f'Numru 32 (illum 3) Misraħ Kirkop. Residenza tipika tal-bidu tas-seklu, oriġinarjament id-dar ta' Monsinjur Mikiel Barbara (1868-1924) li hekk kif tgħid il-lapida kommemorativa maġenb il-bieb tal-istess residenza, kien professor tal-Latin u tad-dommatika, eżaminatur tal-Kleru u predikatur popolari. Ta' min jgħid ukoll li sa ftit qabel ġiet okkupata mill-Għaqda Mużikali San Leonardu, din ir-residenza kienet tintuża bħala skola tal-gvern. Tista' tgħid li d-dar kienet spiċċat fi stat mhux daqstant tajjeb, tant li perit kien ikklassifika bħala non-abitabli. Ix-xogħol f'din ir-residenza ma qata' qatt. Ħafna jiftakru ix-xogħol estensiv li sar fit-tmeninijiet sabiex din is-sede setgħet tiġi modernizzata.


Is-Sede tal-Għaqda Mużikali f'Misraħ Kirkop fl-1956


Il-faċċata tal-każin imżejna għall-festa tal-1978

## Politika, gwerra u tfixkil ieħor

Żgur mingħajr ebda dubju li matul il-150 sena ta' storja li qegħdin nirrakontaw, kien hemm diversi mumenti ta' problemi u tfixkil. Problemi jinqalgħu dejjem u l-ħin kollhu, biss ser ngħatu ħarsa lejn mewt li ftit jew wisq xekkel il-ħajja tal-Għaqda Mużikali tagħna b'mod speċjali fejn jidħol l-entusjażmu tal-partitarji.

Sa minn dejjem il-politika kellha impatt fuq ir-ritmu li bih tkun qegħda topera għaqda mużikali, dan hu fenomenu mferrex ma' Malta kollha li xi ftit għadu jinħass sa illum,

ħaġa li esperjenzajna reċentement meta ftit qabel l-elezzjoni ġenerali ta' dis-sena l-pajjiż bħal donnu waqaf. Minkejja kollox ta' min jgħid li f'dawn l-aħħar snin l-impatt li qegħdin insemmu naqas drastikament propju għaliex il-poplu immatura u dawk l-aktar involuti fil-ħidma fi ħdan il-każini għarfu jpoġġu l-prijoritajiet f'posthom. Biss dan mhux dejjem kien il-każ, l-aktar fis-snin meta l-politika kienet kwistjoni taħraq li fiha kienet tidħol il-knisja.

Jeremy Boissevain, li ħafna drabi iddokumenta dak li kien jisma' mill-Koppin mis-sittinijiet, jikteb li fit-tletinijiet xi partitarji tal-Għaqda Mużikali San Leonardu li kienu jappoġjaw lil Strickland telqu mill-każin sabiex jifthu għaqda għal rashom. Din il-frazzjoni li kienet ġiet imlaqqma bħala tal-Laċċi kellhom is-sede tagħhom fi Triq San Benedittu, fid-dar fejn illum hemm l-għassa tal-Pulizija. Minkejja li ż-żewġ partiti kienu baqgħu leali lejn San Leonardu, dawn baqgħu ma jitkellmux sa l-1934 meta reġgħu ngħaqdu lura ma' l-Għaqda 'matrici' wara li r-relazzjonijiet bejn Strickland u l-Knisja kienu reġgħu ġew tajbin.[28]



Misraħ Kirkop qabel it-Tieni Gwerra Dinjija.
(Public Works Archives)

Minbarra l-effett tal-Ewwel Gwerra Dinjija u l-influwenza Spanjola li dwarhom għamilna referenza aktar qabel żgur li t-Tieni Gwerra Dinjija l-aktar bejn l-1940 u l-1943, kellha impatt katastrofiku fuq il-ħajja kwieta tal-Maltin speċjalment ta' dawk li kienu joqgħodu qrib il-port jew bħalna, qrib il-mitjar ta' Ħal Luqa u Ħal Far. Ir-rutina ta' ħajja kwieta, b'kommunita' żgħira kienet waqfet ħesrem. Kienu snin iebsa li fihom il-Koppin ingħaqdu f'daqqa fi ġlieda kontra l-għadu komuni. Ma setgħax jonqos li fid-dawl ta' dak kollu li kien qiegħed jigri, l-festa u l-każini jieħdu daqqa ta' ħarta kbira. Il-banda, in-nar l-armar, kollox sar sekondarju u kollox kien wieqaf sakemm minn fuq Malta għaddiet din il-mewġa kerha. Fost il-ħsara kbira li ġarrab Ħal Kirkop wieħed ma jistax ma jsemmix iż-żona fejn illum hemm Misraħ San Leonardu u fejn l-Għaqda tagħna kellha is-sede tagħha. Sa qabel il-gwerra l-pjazza kienet kważi kompletament magħluqa bil-bini, fil-fatt mil-pjanti u *surveys* tal-perijodu li hemm fil-*Public Works Archives* wieħed jista' jibni stampa ċara ta' kif kienet iż-żona ta' madwar il-knisja qabel il-gwerra. Fil-gwerra dawn l-inħawi, speċjalment wara l-attakk aħrax mill-ajru fid-9 t'April 1942, ġarbu t-tifrik tal-bombi tant illi din l-istess żona għadha magħrufa ma ħafna bħala il-Balla. Il-koppla tal-knisja ukoll ġarrbet ħsarat strutturali u kien għalhekk li inbidlet wara l-gwerra.[29] Il-pjazza San Leonardu li nafu illum nfetħet wara il-gwerra fil-mewġa tal-ħamsinijiet fejn bosta rħula fittxew li jkabbru l-pjazzez tal-knisja. Jingħad ukoll li bosta mid-dokumenti u l-arkivji tal-Għaqda tagħna intilfu f'dan il-perijodu meta ġġarfet parti mil-każin li kien eżatt quddiem il-knisja. Madanakollu ta' min isemmi li xi ftit affarijiet bħal xi strumenti kif ukoll il-bandalora l-qadima tal-1928 salvaw għax tniżżlu ġo xelter. Fil-fatt it-tebgħa tal-ilma li għad hemm fuq din il-bandalora tmur lura



Il-koppla tal-Knisja fl-1941

għal dan il-perijodu meta kienet mistura fl-umdita' tax-xelter.[30]

Malli għaddiet il-gwerra l-affarijiet bdew bil-mod ġejjin lura għan-normal. Is-sagrifiċċji u tbatija li għaddew minnhom il-partitarji ta' San Leonardu ma kienux biżżejjed sabiex ixekklu l-qlubija u d-devozzjoni. Minn ittra lil Kappillan Spiteri rigward xi disgwit dwar il-flus tal- *War Damage* nafu li f'Mejju ta' 1946 il-Kappillan talab lilll-uffiċjali tal-każin u prokuraturi tal-frattellanzi sabiex jagħmlu lista tad-danni li soffrew fil-gwerra sabiex hu jkun jista' jipprteżentaha lil *War Damage Commission*, li mingħandha l-kappillan fil-25 ta' Settembru 1949 stqarr li irċieva £600 li qassamha bejn il-knisja, l-konfraternita' ta' San Ġużepp u l-armar ta' barra ta' San Anard, biex kull parti kellha £200.[31] Dan hu sinjal ċar ta' kif il-ħajja tal-Ghaqda Mużikali kienet reġgħet qabdet tirpilja eżatt wara l-gwerra.

Biss it-tfixkil ma waqafx mal-gwerra dan għaliex fis-snin ħamsin l-Għaqda kellha taffaċja l-kalma u ftit inqas interess li ġabu magħhom l-emigrazzjoni, titjieb fit-trasport, it-twaqqif ta' għaqdiet oħra f'Ħal Kirkop u ż-żjieda ta' attivitajiet minn naħa tal-partiti politiċi. Lejn nofs il-ħamsinijiet l-emigrazzjoni ta' uħud fost l-aktar attivisti fi ħdan il-każin kellu impatt kemmxejn ħażin. Ta' min isemmi li fl-1954 biss ħallew Ħal Kirkop madwar 24 raġel biex imorru jgħixu l-Awstralja u l-Kanada.[32] Kull għaqda mużikali f'Malta, l-aktar f'parroċċi żgħar bħal tagħna, batiet xi ftit minn dan il-fenomenu, bosta bandisti u attivisti ittantaw xortihom u ħallew xtutna. Ma' dan wieħed irid iżid il-popolarità li kellhom għaqdiet bħal Klabb tal-Futbol, il-Mużew u l-Azzjoni Kattolika li minkejja il-ġid li bla dubju għamlu, xi ftit jew wisq iddevjaw l-energija u l-interessi tal-partitarji.[33] Madanakollu żgur li l-ikbar element ta' tfixkil fil-ħamsinijiet ġie mis-sfera politika hekk kif il-ħamsinijiet raw erba' elezzjonijiet ġenerali fl-1950, l-1951, 1953 u l-1955.

Ħafna drabi nisimgħu li l-istorja tirrepeti ruħha, u dan kien il-każ tas-sittinijiet fejn ix-xena politika kienet iddominata mill-kwistjoni politiko-reliġjuża. Minkejja, kif għidna qabel, il-festi ċentenarji tal-1960 ħolqu ċelebrazzjonijiet u l-entusjażmu kbir, dan malajr twarrab meta sa sena wara il-kwistjoni politiko-reliġjuża kienet daħlet fil-qalba tal-kampanja elettorali għall-elezzjoni tal-1962. Bħalma ġara fit-tletinijiet insibu li kull meta il-knisja tidħol f'xi kwistjoni politika, iqum furur kbir li jkollu effett ħażin fuq l-għaqdiet mużikali ta' Malta kollha. Boissevain jgħidilna li propju minħabba f'hekk, il-festa tal-1961 kienet biss dell insignifikanti tal-ispettaklu li kienet tellgħet l-Għaqda Mużikali San Leonardu sena qabel fl-okkazjoni tal-festi ċentenarji.[34] Min f'dan iż-żmien kien attiv ħafna fil-każin jgħid li dawn kienu żminijiet fejn ma kienx hawn soċjetà li ma ntlaqtitx. Kienu jsibu ftit koperazzjoni u din kienet tinħass l-aktar fil-ġbir tal-flus għall-festa. Biss b'ċertu sens ta' għaqal u responsabilita' jgħidulek li minkejja kollox għalihom il-każin kien jiġi qabel

kollox u għalhekk baqgħu għaddejjin xorta waħda. Ninsab konvint li tul dawn il-150 sena s-soċjetà għaddiet u għad trid tgħaddi minn bosta xkiel, biss kien dan is-sens ta' valuri sbieħ u responsabilita' li minkejja kollox żammew l-imħabba lejn l-Għaqda Mużikali tagħna fuq quddiem sabiex tegħleb kull xkiel li ippreżenta ruħu maż-żmien.

## Festa 6 ta'Novembru[35]

Għal ħafna snin il-festa kienet tiġi iċċelebrata fil-jum li fih il-Knisja Kattolika kienet u għada tiċċelebra l-festa liturġika ta' San Leonardu. Qegħdin nirreferu għas- 6 ta' Novembru, għalkemm mhux darba jew tnejn li l-festa kienet tiġi iċċelebrata fl-ewwel Ħadd wara is-6 ta' Novembru. Biss l-ispirtu tal-festa kien jibda nhar l-1 t'Ottubru fil-festa ta' San Remiġ Isqof ta' Rheims li lejh għandna ammirazzjoni partikolari minħabba il-fatt li kien hu li għammed lil San Leonardu. Għal din il-ġurnata l-każin kienet tittella' l-bandiera u filgħaxija kienet tinxtgħel iċ-ċinta tal-bieb ta' barra bl-aċitalena. F'moħħ ħafna li jiftakru l-festa f'Novembru, jibqgħu ċari f'moħħhom il-problemi li kienu jaffaċjaw minħabba il-maltemp. Jingħad li ma kinitx xi ħaġa rari li l-jiem tat-tridijiet kif ukoll nhar il-festa kienu jkunu bix-xita. Il-festa kienet tibda minn ħadd qabel meta l-istatwa ta' San Leonardu kienet toħroġ min-niċċa wara il-quddies tas-7, akkumpanjata sempliċiment minn sparar ta' muskatterija. Imbgħad kien imiss il-ġranet tat-tridijiet. Fi żmien meta il-festa kienet iddur aktar madwar il-festi ta' ġewwa, in-nies kienet tirrikorri għall-knisja aktar mill-llum. Fil-jiem tat-tridijiet in-nies kienu jilbsu l-aħjar ilbies li jkollhom u nhar il-festa kienu wkoll iżanżnu xi ilbies għall-okkażjoni. Kienet użanza wkoll li fil-benedizzjoni ta' kull tridu jisparaw muskatterija minn fuq il-bejt tal-każin. Lejlet il-festa kien ikun hemm marċ li fih kienu jinħarqu xi stuppini u wara kien jinħaraq in-nar tal-art. F' nhar il-festa, il-jum li kull partitarju kien ikun jistenna, għall-ħabta tas-siegħa ta' wara nofsinhar kienu jarmaw l-istatwa ta' San Leonardu tal-każin fuq il-pedestall il-kbir li għadu jintrama illum f'Misraħ Kirkop. Għal żmien twil, lejn nofs is-seklu għoxrin, kien jieħu ħsiebu Leonard Spiteri (tan-Noqq) flimkien ma' soċi oħra tal-każin. Wara t-tlugħ tal-istatwa ħafna kienu jinġabru ħerqana biex jisimgħu il-priedka fuq San Leonardu minn Carlo Mizzi (ta' Borom) minn fuq iz-zuntier tal-Lunzjata. Dan kien żmien meta imkien f'Malta ma kienu jsiru marċi brijjużi l-ħadd wara nofsinhar. Filgħaxija kien ikun hemm żewġ baned, waħda fuq iz-zuntier u l-oħra fil-pjazza. F'xi okkażjonijiet kienu jiġu anke' tlett baned, b'banda oħra titħalla iddoqq fi Triq San Benedittu fejn illum hemm l-iskola primarja tal-gvern. Fil-purċissjoni kienu jieħdu sehem il-fratellanzi kollha u l-istatwa kienet tintrefa' minnhom ilkoll. It-toroq tal-purċissjoni kienu l-istess bħal illum minn Triq San Leonardu, Triq San Benedittu, Triq


Ħruġ tal-vara ta' San Leonardu fil-purċissjoni meta l-festa kienet issir f'Novembru

Santu Rokku, Misraħ San Leonardu, nerġgħu Triq Santu Rokku għal Misraħ Kirkop fejn jindaqq l-innu, u wara għal-Knisja. Il-ħinijiet tad-dħul tal-purċissjoni ma kienux bħal ta' llum; meta l-istatwa kienet tasal f'Misraħ Kirkop kien ikun hemm armata kuruna biex fil-ħin li l-istatwa tasal taħta minn ġo fiha jinżlu xita ta' karti ikkuluriti waqt li l-banda tkun qed idoqq dak li sa dakinhar kien l-innu li kien jismu *Bħal Warda li Tgħaxxaq bil-Fwieħa*, li flimkien ma; l-innu l-ieħor *Lil San Leonardu Abbati* ta' kompożitur mhux magħruf, kinu l-uniċi innijiet sa dak iż-żmien. Kienu jittelgħu ukoll il-murtali tal-kulur li ma kienux ikunu aktar minn madwar tużżana, wara,il-purċissjoni kienet tmur il-knisja biex tintemm bil-benedizzjoni.

Dawk li għixu dawn l-esperjenzi jirrakkontaw li kien żmien differenti minn ta' llum, anke' fil-mod ta' kif kienet tiġi iċċelebrata l-festa. Dak iż-żmien ma kienux jeżistu l- pavaljuni bħal ta' illum u kull ma kien jintrama kienu t-trofej. Id-dawl, li kien jinxtgħel biss lejlet u nhar il-festa, kien jintrama minn kuntrattur li kien iġib miegħu *generator* għax dik il-ħabta kien għad m'hawnx id-dawl tal-gvern. Baned kienu jiġu biss lejlet u nhar il-festa u l-unika nar tal-ajru li kont tara kienu murtali tal-bomba u tal-kulur. Kaxxi infernali lanqas ħadd ma kien joħlom bihom, minflokk fil-quddies tad-*Te Deum* kienu jorbtu bombi kbar qishom bombi tal-kaxxa, ma' vent bi spaga li kienu jinħarqu flimkien ma' xi muskatterija minn fuq il-bejt tal-każin. Fost l-użanzi marbuta mal-festa li illum inqatgħu ta' min isemmi l- *Badge Day* li kienet issir fil-festa,meta xi nies inkarigati kienu jieħdu ħsieb li jqassmu xbieha ta' San Leonardu b'ċoff magħmul minn xi zigarella ħamra biex jintlibsu bħala *badges* b'labra tar-ras. Tradizzjoni oħra kien l-ilbies ta' San Leonardu li kienu jlibsu lil xi subien ta' madwar sentejn bħala wegħda jew bħala radd ta' ħajr wara ħlas tajjeb. Komuni ukoll kienu is-sunetti. Dawn kienu poeżiji ta' tifħir lil San Leonardu li kienu jiġu stampati fuq karti li kienu jintefgħu minn ġot-tieqa tal-knisja mal-ħruġ tal-istatwa f'nhar il-festa. Ta'min jirrimarka li ħafna drabi din kienet tkun inizjattiva personali ta' xi devot indipendentement mill-każin.



Xbieha ta' San Leonardu li kienet tintuża fil-'Badge Day'

Il-festa ma baqgħatx tiġi iċċelebrata b'dan il-mod f' Novembru mill-1960, meta fl-okkażżjoni tal-festi ċentenarji, il-festa kienet ġiet trasferita għal Settembru. Ma ninsewx li kif diġa irrimarkajna, ħafna drabi l-festi tax-xitwa kienu festi ta' qtiegħ il-qalb. Kemm minħabba il-maltemp u anke' għal fatt li kien jidlam malajr, fi żmien meta ma kienx hawn il-kumdita tal-elettriku. Kien propju mill-festa tal-1960, li iċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa bdew bil-mod jieħdu is-sura ta'illum.

## Festi importanti

Bla dubju ta' xejn, għal ħafna mill-anzjani tagħna s-sena 1960 tibqa' marbuta ma' qalbhom għaliex għadom jiftakru ċ-ċelebrazzjonijiet kbar li kienu saru kemm f'għeluq il-mitt sena mit-twaqqif tas-soċjetà, iżda fuq kollox sabiex jibqa' mfakkar l-erbatax-il ċentenarju mill-mewt glorjuża tal-Patrun San Leonardu. Peress li l-Qaddis tagħna miet fis-sena 559, dawn il-festi bdew fis-6 ta' Novembru 1959, biss daħlu fl-aqwa tagħom bejn il-21 t'Awwissu u l-21 ta' Settembru tal-1960. Għal dawn il-festi ġew mistiedna għall-funzjonijiet tal-knisja l-kapitli kollha ta' Malta, kif ukoll l-isqfijiet ta' Malta u Għawdex.[36] Il-mużika fil-knisja

kienet f'idejn Maestro Vincenzo Bugeja u ħafna għadhom jiftakru s-seħer tal-kant tal-innu u l-antifona. Il-purċisjoni bl-istatwa ta' San Leonardu intemmet f'nofs il-lejl b'quddiesa mill-Kappillan Pawl Pace fuq it-taraġ tal-Lunzjata.[37] Fost l-inizjattivi ta' din is-sena kienet inkitbet u tqassmet għal wegħdi l-*Ħajja Glorjuża ta' San Leonardu Abbati*.

Min-naħa tagħha l-Għaqda Mużikali San Leonardu kienet ħejjiet festi kbar. F'dan iż-żmien il-każin kien għaddej minn atmosfera ta' entusjażmu kbir u ħidma kostanti; in-nisa ħietu l-purtieri sabiex jakkumpanjaw il-linef, salott u xi għamara li inxtraw għall-okkażjoni, filwaqt li l-irġiel għamlu sena jremblu il-kartun sabiex jgħatu wirja ta' nar li baqgħet tissemma.[38] L-ikbar wirt ta' din il-festa jibqa l-Innu l-Kbir ta' Maestro George Martin, jew aħjar l-Innu *Tifħir lil San Leonardu Abbati*. F'seduta li saret it-Tlieta 7 ta' Lulju 1954, fi żmien meta kienu qegħdin jinkitbu ħafna innijiet kbar, il-kumitat bit-tir tal-festi ċentinarji f'moħħu iddeċieda li jinkariga lis-Surmast Martin sabiex jikkomponi l-innu, u lil Dun Frans Camilleri biex jikteb il-kliem.[39] Sa dakinhar l-uniċi innijiet kienu *Lil San Leonardu Abbati* u dak popolari *Bħal Warda li Tgħaxxaq bil-Fwieħa* li nkiteb mis-Sależjan Carmelo Galea u li tkanta l-ewwel darba fil-festa tal-1937.[40] Maestro Martin aċċetta il-kundizjonijiet imposti mill-kumitat, fosthom li l-Innu jsir propjeta' tal-Każin, u sa Awwissu irregalah lill-Għaqda *senza interessi* bil-patt li jiġi rrekordjat fuq ir-*rediffusion* u jindaqq għall-ewwel darba mill-Banda San Leonardo.[41] Għall-okkażjoni tal-festa ċentenarji l-organista tal-knisja, Angelo Spiteri magħruf bħala Ġolin beda jlaqqa' kor tat-tfajliet id-dar tiegħu sabiex jitgħallmu jkantawh.[42] Mal-kor ħadu sehem il-baritanu Joe Bezzina u t-tenur Joe Zammit Harrison u wara l-Innu indaqqu siltiet bħal *La Traviata* ta' Giuseppe Verdi, *Tanhauzer* ta' Richard Wagner, *Marcia Trionfal Aida* ta' Verdi, l-Innu tal-Banda tal-istess Maestro Martin, l-Innu Malti u l-God Save the Queen.[43] F'dan il-programm kienu ħadu sehem ukoll it-tenur Giuseppe Farrugia, is-soprana Hilda Mallia u il-Kor tal-Ħamrun taħt id-direzzjoni ta' Dun Ġużepp Cachia. John Spiteri, dak iż-żmien segretarju, jgħid li kien San Leonardu li nebbaħ lis-surmast Martin sabiex ikkompona l-Innu l-Kbir.


Is-Surmast Martin u Ġolin Spiteri flimkien mal-Kor għall-Innu l-Kbir ta' San Leonardu


Mro George Martin, it-tenur Zammit Harisan u Angelo Spiteri li għallem il-kor għal kant tal-Innu l-Kbir fil-Festa Ċentinarja tal-1960

Minbarra l-Banda San Leonardo, għal dawn il-festi ġew mistiedna l-Banda ta' Santa Marija ta' Ħal Għaxaq, La Stella tal-Gudja kif ukoll dik ta' Santa Katerina taż-Żurrieq.[44]



In-Nar li nħadem fl-1960

Grazzi għall-Antropologu Soċjali Jeremy Boissevain, li f'dan iż-żmien kien qiegħed janalizza il-ħajja soċjali f'Ħal Kirkop, nafu x'kienu l-ispejjes wara din il-festa. Dakinhar il-festa swiet £ 1, 465. £302 minnhom inġabru u ntefqu mill-kappillan għal-festi interni li tagħhom kien responsabbli. Il-£1,163 l-oħra inġabru bil-ħidma tal-kumitat sabiex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż tal-festi esterni.[45] Ma setgħax jonqos li festa importanti bħal din ma tiġix akkumpanjata minn programm xieraq ta' nar; fil-fatt dik is-sena kienet intefqet is-somma konsiderevoli ta' £712 f'materjal biex bih jinħadem in-nar. Boissevain jgħidilna ukoll li bl-eċċezzjoni tal-armar tad-dawl fit-toroq u l-knisja li kien isir minn kuntrattur, ix-xogħol kollhu marbut mal-festa kien isir minn dilettanti Koppin.

Din il-festa tant baqgħet fil-memorji tal-Koppin li fl-1985, ħamsa u għoxrin sena mill-festi ċentenarji u 1425 sena mill-mewt ta' San Leonardu, inħasset il-ħtieġa li tiġi iċċelebrata festa oħra importanti. Għal din l-okkażżjoni il-programm strumentali kien sar taħt il-patroċinju distint tal-President ta' Malta l-E.T. Agatha Barbara li għall-okkażżjoni kienet kixfet lapida kommemorattiva imbierka mill-Monsinjur Carmelo Xuereb, li illum tinsab fis-sala t'isfel tal-każin. Kienu f'dawn il-festi li ġiet imżanżna bandiera tal-pittura oħra mill-isbaħ, li għada tintuża sa illum, iddisinjata minn J. Azzopardi. It-tlugħ tal-bandiera kien akkumpanjat mill-Banda San Leonardo li għal din l-okkażjoni kienet daqqgħet b'bandisti Koppin biss, fosthom il-President Leonard Muscat li għal din l-okkażjoni kien tgħallem il-plattini u l-katuba.[46] Dan kien iż-żmien meta taħt Maestro Gaetano Zammit il-banda kellha aktar minn 25 bandist



Il-kumitat mal-E.T. Agatha Barbara, President ta' Malta fl-1985

tal-post. Madanakollu, żgur li l-aktar memorji stampati f'moħħ il-partitarji huma dawk assoċjati mal-programm tan-nar, li skond il-fehma ta' bosta, dik is-sena kien xi ħaġa speċjali tant li għadu jissemma sal-ġurnata ta' illum.

Festa li żgur għada relattivament friska fil-memorji tagħna hi dik ta'l-1999 meta l-Għaqda Mużikali San Leonardu fakkret għeluq il-mitt sena mit-twaqqif uffiċjali tal-Banda li seħħ fl-1899.[47] F'din is-sena il-festa kienet saret bejn is-16 sat-22 t'Awwissu u għal din l-okkażjoni għall-ewwel darba l-Għaqda Mużikali San Leonardu tellgħet akkademja mużikali t-Tlieta 17 t'Awwissu fil-Knisja parrokjali taħt il-patroċinju tad-Direttur għall-Kultura, is-Sur Ġoġo Mifsud. Kienet serata memorabli fejn il-banda taħt id-direzzjoni tas-Surmast attwali Ugo Buhagiar daqqet siltiet mużikali sbieħ fosthom innijiet, intermezzo, adagio u serenati.[48] Il-programm vokali u strumentali tal-Ġimgħa 20 t'Awwissu sar taħt il-patroċinju distint tal-E.T. Guido de Marco President ta' Malta. Wara l-programm li fih ġew esegwiti *overture, sinfonia, selections, themes* u innijiet, intlaħaq il-qofol tas-serata meta il-President ta' Malta kixef irħama kommemorattiva li tbierket mill-wisq Reverendu Monsinjur Batorlomeo Bezzina.



Il-frontispizju l-ġdid u t-tlugħ tal-bandiera l-ġdida fl-okkażjoni tal-festa anniversarja tal-1985.



Il-President ta' Malta, il-Prof. Guido de Marco jiltaqa' mal-Kumitat nhar il-Ġimgħa 30 ta' Awwissu 1999.

## Nar

Bħall-istess natura sabiħa tiegħu li jsaħħar u jintemm f'nifs wieħed, in-nar trid tapprezzah meta jinħaraq, dak li jibqa' minnhu wara hu biss il-memorja ta' dawk li jkunu apprezzawh. Dan kollu jagħmila diffiċli li wieħed jibni storja dettaljata tal-kwalita' tan-nar li nafu li sa minn dejjem kien jagħmel parti mill-festa. Għalkemm fadal akar studju x'isir, ħafna minn dan li ġej hu frott il-memorja tal-anzjani tagħna, xi informazzjoni li instgħabet il-każin, u xi affarijiet li ġew ippublikati.

Nafu fiċ-ċert illi sa minn sekli ilu n-nar kien jakkumpanja iċ-ċelebrazzjonjiet tal-festa ta' San Leonardu. Niftakar ċar meta sena ilu kont qiegħed nagħmel ir-riċerka tiegħi dwar il-kwadru titulari fl-arkivji tal-parroċċa, li fost l-ispejjeż fil-*Veneranda Lampade* għall-festi ta' San Leonardu fis-seklu tmintax, kien ikun hemm referenzi għal flejjes li inteffqu f'nar

u f'materjal sabiex jinhadmu l-murtali. Hawn qegħdin nitkellmu fuq aktar minn mitt sena minn meta twaqqfet is-Soċjeta' tagħna. Għaldaqstant wieħed jinnota l-importanza li sa min żmien ilu kellu n-nar fil-festi tagħna, xi ħaġa li għada kurrenti illum b'mod speċjali għalina fin-naħa t'isfel ta' Malta. Mat-twaqqif tas-Soċjeta' fl-1858, in-nar waqa' taħt ir-responsabilita' tad-dilettanti fi ħdanha sabiex ta' kull sena letteralment ħallew il-fjamma ta' devozzjoni lejn San Leonardu tmexxihom. Id-dilettanti anzjani jiftakru il-ġenerazzjonijiet ta' qabilhom fil-perijodu bikri tas-seklu għoxrin kienu jmorru f'kamra tan-nar H'Attard jaħdmu l-bomba. Boissevain, li fl-1960 kien fostna janalizza il-ħajja soċjali f'Ħal Kirkop jifthilna tieqa fuq l-importanza tan-nar għal-festi ta' San Leonardu.[49] Xhieda ta' din l-importanza huma l-flus li ta' kull sena kienu jammontaw għal parti l-kbira mill-ispejjeż tal-festi esterni. Għall-festa tal-1960 insibu li kienu intefqu £712, jew 61.2% tal-ispejjeż mħallsa mill-Għaqda Mużikali, f'materjal biex bih jinħadem in-nar.[50]



Grupp ta' tliet min-nies jaħdmu n-nar għall-festa ċentinarja ta' San Leonardu



Dun Ġużepp Theuma jbierek il-fabbrika tan-nar tar-Ramlija nhar il-Ħadd 3 ta' Lulju 1966.



Qabel il-ftuħ ta' kamra tan-nar adegwata, in-nar, inkluż il-manifattura tal-porvli kien isir b'mod illegali mill-partitarji fi kmarar fl-għelieqi u f'barrieri abbandunati.[51] Sfortunatament din kienet xi ħaġa komuni ħafna għal festi kollha sakemm lejn nofs is-seklu għoxrin bdew jinbnew l-ewwel fabbriki tan-nar kif imiss. Kien f'dan iż-żmien li il-kumitat kien qiegħed iħoss il-bżonn li jibni fabbrika tan-nar. Fil-bidu tal-1966 intalbu l-permessi sabiex jinbena post tan-nar fil-limiti tar-Ramlija (illum Sqaq ta' L-isqof) u biċċa art li Kolina Mizzi ċediet id-dritt li kellha fuqa b'ċens lil Għaqda tagħna. Ix-xogħol ma deherx li dam għaddej, u kif jixhdu xi ritratti li ġew f'idejna, bid-determinazzjoni tas-Segretarju Carmelo Polidano, bl-għajnuna tal-veteran Pawlu Cassar, Manuel Curmi u oħrajn il-fabbrika malajr tlestiet sabiex il-Ħadd 3

ta' Lulju 1966 sar il-ftuħ uffiċjali tal-fabbrika tan-nar b' Leonard Spiteri (Pudinu), l-ewwel *licensee* responsabli mill-fabbrika, jaqta' iż-żigarella tal-post imbierek minn Dun Ġużepp Theuma, Kappillan ta' Ħal Kirkop. Hawn ta' min jagħmel referenza fuq dan Spiteri, dilettant ħabrieki ħafna li wara l-Gwerra trawwem ma' żewġ tewmin Qriema, biex baqa' jaħdem in-nar sa xjuħitu. Taħtu trawmu bosta bħal Leonard Muscat, li għadu jaħdem sa illum, u dilettanti oħra li sa ġenerazzjoni ilu kienu għadhom jaħdmu n-nar.



Leonard Spireti waqt xogħlu fl-1967

Iżda l-progress ta' nofs is-snin sebgħin wassal sabiex dan il-post tan-nar jiġi żgumbrat wara li inżamm il-permess minħabba l-bini residenzjali li nbena fil-viċinanzi. Minkejja kollox id-dilettanti bħal Leonard Spiteri, Remigio Sacco, Pawlu Farrugia u Leonard Muscat bl-għajnuna ta' oħrajn, qatt ma' ħarsu lura biex fis-snin tmenin saħħew mhux bi ftit ir-reputazzjoni tal-kamra tan-nar tagħna.[52] Mfittex ferm kien il-beraq pront ta' Pawlu Farrugia (il-Lisku) u il-kulur ta' Leonard Muscat. Dan kien żmien meta l-fabbrika tan-nar kienet mogħnija b'ħafna dillettanti li jaħdmu bla waqfien. Ħafna għadhom jiftakru l-wirja spettakolari li din il-kamra kellha fl-1985 fl-okkażjoni speċjali ta' għeluq il-25 sena mil-festi ċentenarji tal-1960.[53] Fl-1986, fuq insistenza ta' Remigio Sacco li mill-1983 kien il-*licensee* tal-fabbrika tan-nar u Leonard Muscat, il-President li dam f'din il-kariga għal 28 sena mill-1974 sa l-2002, instabet art magħrufa bħala ta' Ċirkes li kienet addatata sabiex tiġi żviluppata kamra tan-nar ġdida. Hekk sar, u f'qasir żmien bl-għajnuna ta' bosta partitarji qalbiena, inbniet fabbrika tan-nar ġdida bejn Ħas-Saptan u Wied Qoton fil-limiti tal-Gudja.



Dilettanti tan-nar fl-1986



Xogħol fuq il-fabbrika tan-nar il-ġdida

Is-snin disgħin jibqgħu fuq kollox mfakkra għat-traġedja tal-1992 li ħatfet il-ħajja tal-mibki Frans Attard u li dwara ser nitkellmu 'il quddiem. Ftit wara dan l-inċident ir-responsabilita' tal-fabbrika tan-nar għaddiet f'idejn Mario Camilleri, li sal-ġurnata ta' illum



Nar tal-art f'Misraħ San Leonardu

flimkien ma'sħabu għadu jibni u jtejjeb ir-reputazzjoni sabiħa li mas-snin kisbu id-dilettanti tagħna. Apparti l-wirjiet sbieħ fil-festi ta' min jgħid li s-snin disgħin raw mewġa kbira ta' xogħlijiet fi ħdan il-fabbrika tan-nar sabiex dejjem jiġi żgurat ambjent sabiħ, modern u fuq kollox sigur.

Xieraq ukoll li nagħmlu referenza għan-nar tal-art li sfortunatamnet ftit li xejn nafu dwaru. Jingħad li lejn nofs is-seklu in-nar tal-art kien ġeneralment jiġi minn Għawdex. Kien jinġab fuq xi Luzzu dik il-ġimgħa tal-festa u kien jintrefa' ċ-ċimiterju fil-kamra tal-mejtin biex lejlet il-festa kien jintrama' mill-persuna Għawdxija li tkun ħadmet in-nar u tkun niżlet apposta biex tarmah. In-nar f'dan iż-żmien kien jikkonsisti f'irdieden tal-qasab li ġeneralment kienu jinħaqru bil-gassijiet u l-funtani. Kien xi żmien wara li n-nar tal-art kien jinħadem mill-istess partitarji b'mod mekkanizzat għal dak iż-żmien.[54] Lejn l-aħħar tas-snin sittin u fis-snin sebgħin, kien il-mibki Salvu Sacco li kien rawwem bosta żgħażagħ fil-manifattura tan-nar tal-art, fejn aktar ma għadda ż-żmien aktar beda jinħadem xogħol kbir mekkanizzat. Sa l-aħħar tas-snin tmenin in-nar tal-art kien jintrama f'Misraħ San Leonardu, u f'xi okkażjonijiet jingħad li kien isir nar bi kwantita' kbira tant li kien jibda minn ħdejn il-Knisja, fi Triq il-Kbira u jibqa' nieżel sal-fetħa ta'triq San Nikola. Kien biss fis-snin relattivament reċenti li n-nar kollu kiber fid-daqs u għalhekk kellu



Dilettanti tan-nar tal-art fl-1986

jintrama fi Pjazza Żernieq. Mas-snin l-affarijiet tjiebu ħafna, speċjalment fis-snin disgħin bil-ħidma ta' Raymond Camilleri mejgħun minn bosta li għadom involuti sa illum. Il-biċċiet kibru u beda jidħol xogħol mekkanizzat u ktajjen li jinvolvi ħafna ħsieb. L-emfasi prinċipali saret il-kwalita' fil-kulur tal-gas u fil-funtani ta' sitt purzieri li baqgħu jinħadmu bl-idejn sal-ġurnata ta' illum, biex b'hekk inbniet reputazzjoni tajba ħafna fost id-dilettanti lokali.

## Paġna Kerha

Jekk l-150 sena ta' storja tal-Għaqda Mużikali San Leonardu għandna diversi paġni tad-deheb, żgur li l-Ħadd 31 ta' Mejju ser tibqa' għal dejjem il-paġna is-sewda tas-soċjetà. Kien dakinhar li b'disgrazzja kbira tilef ħajtu waqt xogħol ta'nar b'risq il-festa, il-wisq maħbub u tant mibki ħuna Frans Attard, missier ta' żewġt itfal u devot ħabrieki ta' San Leonardu. Sabiex jirrakonta l-ġrajja mistkerħa ser inħalli, dak li fl-opinjoni tiegħi hu l-aqwa artiklu li deher fil-ġurnali tal-għada.

MISSIER IMUT FI SPLUŻJONI TA' KAMRA TAN-NAR[55]

"ĦAS SAPTAN, Il-Ħadd. – Frans Attard, ta' 33 sena, minn Ħal Kirkop, missier ta' żewġt ibniet ta' sentejn u ħames snin, tilef ħajtu traġikament meta seħħet splużjoni f'kamra żgħira, li tagħmel parti mill-fabbrika tan-nar tal-Każin tal-Banda San Anard, li fiha kien qiegħed jagħmel taħlita bi preparazzjoni għal-logħob tan-nar.

Sa ftit tal-ħin qabel is-sitta ta' filgħaxija, Attard kien għadu l-Każin 'San Anard' flimkien ma' bintu, jitkellem u jiċċajta bħas-soltu ma' sħabu. Minn hemm x'aktarx li ħa lil bintu d-dar waqt li huwa mar jagħti titwila fil-fabbrika tan-nar li l-Każin għandu fl-inħawi ta' Ħas Saptan fuq ir-riħ ta' Birżebbuġa.

Hemmhekk kien hemm xi ħbieb tiegħu jaħdmu fuq xi xogħol tan-nar. Huwa mifhum li Attard biddel ma' Remig Sacco, is-Segretarju tal-Għaqda Mużikali 'San Anard'. Huwa qagħad jaħdem f'kamra żgħira, fejn soltu ssir dik magħrufa bħala 'it-taħlita' għal xi xogħol tan-nar, li tinsab l-ewwel waħda fuq in-naħa tal-lemin hekk kif wieħed ikun dieħel għall-fabbrika.

Għall-ħabta tas-sebgħa ta' filgħaxija, dawk li kien għad fadal jaħdmu xi nar fl-istess fabbrika, infurmaw lil Frans Attard li huma kienu sejrin lejn ir-raħal. Jingħad li Attard qal lil sħabu biex imorru għax huwa kien ha jibqa jaħdem hemm peress li kien fadallu jagħmel l-aħħar taħlita.

Nofs siegħa wara mill-irħula tal-viċin instemgħet splużjoni li ġibdet fuq il-post folla kbira ta' nies. Bl-ispluzjoni, il-kamra tal-ġebel li kellha is-saqaf magħmul mill-asbestos iġġarrfet għal kollox, b'ħafna miċ-ċnagen tagħha jtiru fid-diversi għelieqi li hemm idawru l-fabbrika tan-nar. Il-ġisem imtertaq ta' Attard ġie mtajjar għal distanza u spiċċa f'nofs għalqa. Il-karozza Datsun Cherry tal-istess Attard u kamra viċin li tagħmel parti mill-kumpless tal-fabbrika tan-nar ġarrbu xi ħsarat.

Fost dawk li waslu minn tal-ewwel fuq il-post kien hemm Dun Pawl Camilleri, Kappillan tal-Paroċċa 'San Gejtanu' tal-Ħamrun, li waqaf bil-karozza u mar jagħti l-ewwel għajnuna. Billi nstab li Attard kien mejjet, Dun Pawl ma kellux ħaga oħra x'jagħmel ħlief li jamministra l-aħħar sagramenti.

Apparti l-uffiċjali u l-membri tal-Kumitat u tal-Każin tal-Banda 'San Anard', u numru kbir ta' nies mir-raħal ta' Ħal Kirkop, fuq il-post waslu wkoll it-tobba Micheal Cordina u Victor Camilleri li ġew imsejjħa mill-Poliklinika ta' Raħal Ġdid.

Hekk kif insteghmet l-isplużjoni ttajjar mill-ewwel helikopter tal-Forzi Armati ta' Malta. Fi ftit mumenti fuq il-post waslu ghadd ta' fire-engines u vetturi tal-Pulizija, fosthom dawk tar-Rescue Unit u Rapid Intervention tal-Assignment Group SAG. Minkejja li ġew imsejjħa żewġ ambulanzi, dawn reġgħu lura lejn l-isptar meta ġie assigurat li ma kienx hemm nies midruba li kellhom bżonn il-kura.

Waqt li kienet għaddejja l-ħidma mill-Pulizija, wasal ukoll fuq il-post il-Ministru tal-Intern u Żvilupp Soċjali, l-Avukat Louis Galea. Mitlub jikkumenta dwar l-inċident, il-Ministru Galea qal li din bħal grajjiet oħra simili "kienet waħda ta' swied il-qalb u ħela ta' ħajja". "Din hija okkażjoni ta' dwejjaq għal kulħadd", ikkumenta l-Kummisarju tal-Pulizija, is-Sur Alfred Callejja, li kien fuq il-post tat-traġedja jmexxi l-ħidma intensiva tal-Pulizija.

Aktar tard il-Magistrat tal-Għassa, Dr. Gino Camilleri, għamel aċċess fuq il-post. Huwa kien mgħejjun minn diversi esperti maħtura mill-Qorti.


L-aħħar tislima lil Frans Attard nhar it-2 ta' Lulju 1992

Il-ħemda li waqgħet fl-inħawi ta' fejn seħħet l-isplużjoni minn ħin għall-ieħor bdiet tinkiser mil-biki u l-ilfiq ta' ħafna mill-membri tal-Każin tal-Banda 'San Anard' li kienu jafu mill-qrib sew lil Frans Attard, li kien jaħdem bħala Suldat fi ħdan il-Forzi Armati ta' Malta. Huwa llum nzerta ma kienx xogħol. L-aħħar xogħol li għamel kien fil-gżira ta' Għawdex matul iż-żjara li għamel hemm ir-Reġina Eliżabetta II.

Frans Attard, missier ta' Stacy ta' ħames snin u Luana ta' sentejn, ġie deskritt minn kull min kien jafu bħala raġel fuq l-irġiel, eżemplari, kwiet u ċajtier. Membri tal-Każin 'San Anard' qalu li dan l-aħħar, Attard kien għamel żmien ma jersaqx lejn il-fabbrika tan-nar. Iżda dan l-aħħar donnu li kien biddel fehmtu u reġa beda jmur jaħdem xi xogħol tan-nar għax għalih il-Festa ta' San Anard kienet tfisser ħafna.


Il-korteo funebri akkumpanjat mill-Banda San Leonardu u mill-Armata ta' Malta

Fuq ir-raħal ċkejken ta' Ħal Kirkop, illejla waqa bħal velu ta' niket. Matul it-toroq dojoq u mserpa tar-raħal ir-residenti ngħabru fi gruppi, kollha jitkellmu dwar it-traġedja li kienet laqtet lil wieħed mit-tfal tar-raħal. Waqaf ix-xogħol fuq it-tiżjin

li kien qiegħed isir bi preparazzjoni għall-festa ta' San Ġużepp, li suppost għandha tiġi iċċelebrata nhar il-Ħadd li ġej.

Il-bieb prinċipali tal-Każin tal-Banda 'San Anard' ġie imbexxaq u l-kmamar tiegħu kollha ġew mitfija u mbattla mill-membri u l-attivisti tal-Każin. Minflok, dawn inġabru quddiem l-istess Każin, b'kulħadd jirrakkonta xi ġrajja li fiha kien imdaħħal sehibhom Frans Attard. Hawnhekk ukoll seħħew xeni ta' niket b'ħafna minn dawk preżenti jibku fil-miftuħ it-telfa ta' ħabib sinċier."

Il-funeral li seħħ it-Tlieta 2 ta' Ġunju fis 2.30 ta' wara nofsinhar kien wieħed memorabli hekk kif Ħal Kirkop kollhu niżel jagħti l-aħħar tislima lil Frans. Wara il-quddiesa *presente cadavere* li għaliha attendew il-Prim Ministru Fenech Adami, mart l-President ta' Malta is-Sinjura Tabone, l-*Ispeaker* Lawrence Gonzi u diversi deputati, it-tebut merfugħ minn sitt membri tal-Forzi Armati ħareġ mill-Knisja fost iċ-ċapċip tal-folla. Dan imbgħad inġarr f'korteo li fih immarċjaw numru kbir ta' suldati għad-daqq tal-marċi funebri li ndaqu mill-Banda San Leonardo.

L-Għaqda Mużikali San Leonardu ma tista' qatt tinsa' is-sagrifiċċju ta' Frans Attard li ħalla ħajtu jwettaq dak li għalih għadna naħdmu sa illum. Ismu ser jibqa' mfakkar għal dejjem u kien għalhekk li matul dawn is-snien apparti l-mafkar fil-każin u fil-fabbrika tan-nar, ġew imsemmija għalih maħżen fl-istess post tan-nar, kif ukoll il-kumpless ta' mħażen li qed jinbnew fir-Ramlija.

## Armar

Ma setgħax jonqos li wara li rajna l-istorja ta' ħafna aspetti tal-festa li għadom magħna sa illum, ma nitkellmux ftit fuq l-armar li sa minn żmien ilu kien parti integrali tal-festa. Għandna nifhmu illi qabel ma daħlet il-pika ta' bejn iż-żewġ partiti l-armar kien primarjament jikkonċerna dak tal-knisja. Kien lejn l-aħħar snin tas-seklu dsatax li l-affarijiet ħadu ir-ritmu ta' illum. Kif ser naraw, b'xorti tajba minn din l-epoka għad fadlilna ħafna mill-opri tal-armar l-aktar importanti, u dak li ġie mibdul minħabba xi ħsarat dejjem żamm id-disinn tal-antik. Għaldaqstant filwaqt li dan jippermettilna li nibnu storja tal-iżviluppi f'dan il-qasam, wieħed għadu jista' japprezza b'għajnejh stess il-wirt sabiħ li ħallewlna missirijietna.


L-istatwi ta' Karlu Darmanin, ir-Re Clovis u San Remiġju, fuq iz-zuntier tal-Knisja fil-festa tal-1954

L-ewwel armar li nafu bih kienu saru kolonni u pedestalli tal-injam għall statwi. Hu mifhum li ħafna mix-xogħol tal-injam f'dan il-perijodu kien isir minn missier Giovanni Battista Cutajar li kien mastrudaxxa, assistit minn ibnu.[56] Aktar 'il quddiem ix-

xogħol waqa' taħt id-direzzjoni ta' Giovanni Battista mgħejjun minn xi membri fi ħdan l-Għaqda Mużikali. Ma dawn saru erba' statwi tal-kartapesta, ikoll għand statwarji magħrufa u ilkoll għadhom jidgawdew sa illum. L-ewwel kummissjoni ta' tlett statwi ingħatat lill-iskultur bravu u msemmi u Karlu Darmanin (1825-1909). Dawn kienu jikkonsistu fi statwi ta' San Remiġju u r-Re Clodoveo, it-tnejn għadom fi stat tajjeb ħafna, li sa minn dejjem kienu jintramaw fuq iz-zuntier, u l-istatwa tal-Papa li illum tintrama f' nofs Misraħ San Leonardu. Waqt intervent ta' restawr li sar fuq l-istatwa ta' San Remiġju fl-1998, instgħab li fost il-karti li minnhom tkun magħmula statwa tal-kartapesta, kien hemm folja ta' pitazz iddatata 22 ta' Mejju 1885 – indikazjoni importanti li tgħina nifhmu iż-żmien li fihom saru dawn it-tlett statwi.[57] Fis-snin ta' wara saru l-istatwi ta' San Leonardu rebbiegħ fuq l-eresija, x'aktarx xogħol l-aljiev ta' Darmanin, Vincenzo Cremona (1851-1912) u Santa Clotilde minn idejn l-istatwraju prolifiku Għawdxi Wistin Camilleri li kienet swiet sitt liri biss.[58] Santa Clotilde għada tintrama f' *Main Street* filwaqt li l-istatwa ta' San Leonardu hi għal qalb ħafna tal-partitarji u tintrama fuq il-pedestal il-kbir f'Misraħ Kirkop.

Żgur li sa minn meta sar, il-pedestall il-kbir kienet u għada l-aktar biċċa armar li tagħmel unur lill- Għaqda Mużikali San Leonardu. Huwa fatt ċert li din il-biċċa xogħol għandha madwar mitt sena, xhieda ta' dan huma l-istqarrijiet tax-xjuħ Koppin li jiftakru ix-xjuħ tagħhom jgħidu li jafuh jintrama minn dejjem. Tradizzjonalment hu maħsub li dan il-pedestall inħadem fil-Kottonera li dak iż-żmien kienet żona li tilqa' fiha mastrudaxxi kapaċi u nies tas-sengħa tal-għola livell. Diversi dillettanti jsostnu li d-disinn ta' dan il-pedestal setgħa sar mill-bravu Abram Gatt (1863-1944) li kien jgħix Bormla. Flimkien ma' Emmanuele Buhagiar (1876-1962),[59] Abram Gatt iddomina x-xena fid-disinn ta' affarijiet liturġiċi u opri ta' armar għal festi lokali bejn is-sekli dsatax u għoxrin. Fl-1951 dan il-pedestall kien tkisser f'inċident tat-traffiku u reġa' ġie irranġat fl-1961 bl-insistenza ta' Vitor Chircop u Ġanni Spiteri u xogħol Karmenu Agius u Ninu Busuttil li kellu jerġa' jibnih mill-ġdid b'ħafna paċenzja għaliex tant kien mkisser li kien inġabar ġo xkejjer.[60] Hekk kif tlesta dan ġie miżbugħ, irħamat u indurat mill-ġdid taħt id-direzzjoni ta' Leonard Agius.


L-istatwa ta' San Leonardu rebbieħ fuq l-eresija fi żmien meta l-pedestall il-kbir kien imkisser. (1954)

Ta' min jinnota li sa minn dan il-perijodu, bejn is-seklu dsatax u għoxrin, missirijietna ma kienux ifittxu għall-ispejjes u kienu jmorru għand l-aqwa esponenti ta' dak iż-żmien, artisti li ħallew impatt fuq l-istorja artistika ta' Malta. Bl-eċċezzjoni ta' Vincenzo Cremona, l-artisti kollha li semmejna s'issa għandhom konnessjoni intima ma' l-opri tal-knisja, sinjal ieħor, jekk qatt kien hemm bżonn li minkejja iċ-ċokon ta' raħal b'riżorsi limitati, il-Koppin kienu dejjem jagħmlu li jikkommisjonaw l-aħjar esponenti. Dan l-ispirtu jinħass ukoll meta wieħed iħares lejn żewġ bandalori irakmati antiki li għadna l-każin. Waħda magħmula minn satin aħmar u b'rakmu tad-deheb, kif diġa semmejna, hi iddatata għall-1928 u kienet

inġabret bit-tħabrik ta' Pawlu Ellul (ta' Marinton) fl-1920 u l-oħra tal-bellus aħmar irrakmata bid-deheb li saret fl-1949.[61] Din tal-aħħar saret fuq disinn ta' Giuseppe Galea (1911-1933) u nħadmet għand is-sorijiet ta' Ġesu' Nażżarenu ż-Żejtun, filwaqt li il-lasta u l-labarda bl-iljun inħadmu għand id-ditta Robinich ta' Għajn Dwieli.[62]

Apparti il-kolonni, pedestalli u statwi li ssemmew, fil-bidu tas-seklu għoxrin kienu saru sett trofej u kolonni b'gastri tal-landa li f'nofshom kien ikun hemm pilandri jinxtelgħlu bl-aċitilena. Dawn il-gastri fl-aħħar gwerra nkisru u saru mill-ġdid minn Serafin Farrugia, membru tal-istess soċjetà, mgħejjun minn Leonard Muscat, Salvu Sacco u Leonard Galea fil-pilandri li kienu reġgħu saru wkoll, din id-darba jinxtegħlu bl-elettriku, iż-żebgħa kienet f'idejn Leonard Agius.[63] Dan l-armar kien għadu magħna sa ftit snin ilu sakemm kif se naraw 'il quddiem sar ħafna xogħol fuqhom fid-disgħinijiet. Lejn nofs is-seklu, jakkumpanja dan l-armar kien hemm id-drapp, b'mewġa ta' pavaljuni u bandalori li illum spiċċaw. Fuq inizjattiva ta' Salvu Sacco u Gregory Sacco, il-kumitat tas-sena 1979 kien ħa ħsieb il-bidu ta' pjanċier tal-banda fuq disinn tal-artist Żejtuni Toussaint Busuttil (1912-1994). F'dawn is-snin ukoll tnehdid l-inizjattiva li d-dawl tal-festa jibda jiġi armat mill-partitarji tagħna, b'hekk f'qasir żmien fuq bil-ħidma ta' Rosario Agius mgħejjun minn bosta, it-toroq Koppin ġew imdawla għall-okkażjoni.



Tlieta minn sett ta' bandalori li saru ġodda fl-1955

Is-snin disgħin raw mewġa kbira ta' entużjasmu li rat ħidma kbira minn naħa ta' Remigio Muscat assistit minn Frans Galea u Christopher Farrugia li għamlu minn kollox sabiex jirranġaw il-wirt ta' armar antik u jkomplu jżiedu miegħu b'armar magħmul mill-*fibre* sabiex ikun jiflaħ il-maltemp ta' Settembru. Ta' min jgħid li mill-1995 sa llum rajna sensiela sħiħa ta' proġetti ambizzjużi. Fl-1995 sar restawr fuq il-pedestal il-kbir. Inbidel l-injam u l-iskultura li kienet tmermret ovvjament, b'rispett totali lejn dak li kien hemm qabel, u reġa' ġie ndurat u rħamat mill-ġdid minn Carmelo Psaila ta' Ħal Luqa. Fl-1998 sar ħafna restawr, fosthom fuq l-istatwa ta' San Remiġ minħabba l-ħsara li kkawża l-maltemp u sa l-1999 inbidlu l-kolonni tal-gastri u saru tlettax il-kolonna għal Misraħ Kirkop u Triq il-Parroċċa, dawn kollha saru fuq l-istess disinji tal-armar antik li semmejna aktar qabel. Fl-2001 saret estensjoni ta' sular fil-maħżen tal-armar biswit il-każin bħala parti minn proġett ambizzjuż li kien beda fis-sena 2000, dak li jsir armar estensiv għal



Triq il-Kbira mżejna għall-festa ċentinarja

Misraħ San Leonardu. Il-proġett invova disa' pedestalli iddisinjati minn Carmelo Psaila, sitta minnhom għal sett ta' sitt anġli ta' Renzo Gauci minn Ħal Tarxien. It-tlett pedestalli l-oħra intużaw għall-istatwi ta' Karlu Darmanin. Il-proġett tlesta fl-2002 sabiex sena wara dan l-armar ġie akkumpanjat minn sett ta' erbgħa trofej, disinn, induratura u rħamar ta' Carmelo Psaila. Fis-snin ta' wara fost xogħol ieħor ta' min isemmi il-faċċata tal-Każin li ġiet mogħnija b'drapp artistiku u dekorazzjoni fl-injam madwar l-aperturi u l-gallerija disinn u pittura ta' David Borg minn Ħaż Żabbar. Dan kien proġett li beda fl-2005 grazzi għal kollaborazzjoni tas-Sezzjoni Żgħażagħ Ulied il-Patrun San Leonardu.

## Illum

Illum l-Għaqda Mużikali San Leonardu għada tħaddan l-iskop li għalih ġiet imwaqqfa 150 sena ilu, dak li taħdem id f'id mal-knisja sabiex tkompli tkattar id-devozzjoni lejn il-qaddis patrun tagħna. Sabiex nikkumplimentaw il-festi tal-knisja, l-Għaqda tagħna għada tieħu ħsieb il-festi esterni kollha, minn banda, għall-armar, nar u radju tal-komunita', Radju Leonardo li fuq frekwenza ta' 105.2FM beda jxandar fil-jiem tal-festa fl-2005. Fid-dawl ta' din il-ħidma kollha, l-Għaqda bis-sezzjonijiet kollha, fosthom id-delegati tal-Banda, is-sezzjoni nisa, is-sezzjni Żgħażagħ Ulied il-Patrun u d-dilettanti tan-nar u l-armar, turi entusjazmu kbir u dedikazzjoni fl-impenn kostanti tul is-sena kollha. Huwa propju dan is-sens ta' sagrificcju li jqanqal l-entusjażmu meħtieg biex iżomm il-każin ħaj matul is-sena kollha, għaliex tabilħaqq ix-xogħol fi ħdan Għaqda Mużikali bħal tagħna b'livell ta' festa ta' dawn l-aħħar snin sar jitlob impenn mhux biss fix-xhur tas-Sajf iżda matul is-sena kollha.

L-Għaqda Mużikali San Leonardu baqgħet tibni fuq il-valuri u il-progress tal-kumitati u partitarji preċedenti biex f'dawn l-aħħar snin għamlet diversi kisbiet importanti. Fis-27 ta' Novembru 2007, il-Banda San Leonardo kitbet paġna tad-deheb fl-istorja tagħha meta fuq stedina tal-Għaqda Każini tal-Baned, fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Ċeċilja patruna tal-mużiċisti, esegwixxiet program strumentali ġewwa t-Teatru Manoel. Din kienet okkażjoni unika li biha ftaħna dawn il-festi anniversarji biex il-Banda tagħna kompliet iżżid mal-prestigju tagħha din id-darba fuq livell nazzjonali.

Id-dilettanti tal-armar għarfu jqumu għall-okkażjoni u daħlu għal żewġ proġetti kbar. Din is-sena ser naraw it-tisbieħ ta Misraħ Kirkop b'sett ta' seba' kolonni bil-gastri u pilandri majestużi li ser jiġu akkumpanjati minn erba' trofej b'busti tal-bravu skultur Christopher Ebejer mill-Qrendi u bandalori ta' David Borg. L-armar kollhu sar mid-dilettanti tal-post fuq disinn ta' Carmelo Psaila. Ma dawn wieħed ma jistax jinsa' l-bini ta' kumpless ta' tlett imħażen msemmi għal Frans Attard, minflok il-fabbrika tan-nar l-antika tar-Ramlija, li issa wasal fil-fażijiet finali tiegħu. Dan jikkumplimenta max-xogħol kontinwu ta' manutenzjoni ġewwa il-każin, fejn sa sena ilu sar xogħol estensiv ta' tisbieħ fis-sala ta' fuq u fil-kappella.

Id-dilettanti tal-fabbrika tan-nar immexxija mid-dedikazzjoni ta' Mario Camilleri mgħejjun mill-esperjenza ta' Leonard Muscat kompliet ittejjeb ir-reputazzjoni tagħha fost id-dilettanti lokali mhux biss għal murtali tal-kulur iżda fuq kollox għal beraq pront li għalih spikkat f'dawn l-aħħar snin. Ta' min isemmi x-xogħol kontinwu ta' tindif u *maintenance*, li sar f'dawn l-aħħar snin f'kollaborazzjoni mas-*Civil Protection* sabiex inkunu żguri li jiġu garantiti kull misura ta sigurta'. Għal snin sħaħ il-kamra tan-nar kienet fuq quddiem mhux biss għal wirjiet pirotekniċi tagħha iżda wkoll għan-nar sikronizzat mal-mużika, kif ukoll għan-nar tal-art li minkejja kollox baqa' jinħadem bl-idejn sabiex tiġi garantita l-emfasi fuq

il-kwalità. Xhieda ta' dan kollu hu l-bejgħ ta' nar tal-ajru u tal-art li ta' kull sena jkollna sabiex jakkumpanjaw il-festi ta' madwar Malta u Għawdex.

L-aħħar referenza tiegħi tmur lejn iż-żgħażagħ, l-irġiel u n-nisa ta' għada li permezz tagħhom nistgħu nħossu l-polz tad-direzzjoni li ser tieħu l-Għaqda Mużikali San Leonardu. L-element żagħżugħ kemm fil-kumitat ċentrali, fost id-dilettanti tan-nar u l-armar u wisq aktar fi ħdan is-Sezzjoni Żgħażagħ Ulied il-Patrun San Leonardu huwa b'saħħtu u ser jibqa' s-sinsla tagħna. L-enerġija u l-imħabba li jitfgħu huma fil-ħidma tagħhom b'risq is-Soċjetà hija xhieda ħajja li dak li għalih ħadmu missirijietna matul dawn il-150 sena ser ikompli jitkattar fis-snin li ġejjin.

## Bibliografija


Noti personali ta' Carmelo Agius

*La Gazzetta di Malta*, 3 ta'Novembru ,1896

*La Gazzetta di Malta*, 21 ta'Novembru ,1896

L-Orizzont – 1 ta' Gunju, 1992

L-Orizzont – 2 ta' Ġunju, 1992

L-Orizzont – 3 ta' Ġunju, 1992

In-Nazzjon Tagħna – 1 ta' Ġunju, 1992

In-Nazzjon Tagħna – 3 ta' Ġunju, 1992

*Guida Generale di Malta e Gozo per l'Anno 1899*, Librerie Editrice Scolastica di Giovanni Muscat, 1899

*Guida Generale di Malta e Gozo per l'Anno 1903*, Librerie Editrice Scolastica di Giovanni Muscat, 1903

*Programmi tal- Festa* 1987-2007, Għaqda Muzikali San Leonardu, Hal Kirkop

'Tagħrif Dwar il-Pedestal', Programm Festa 1996, Għaqda Muzikali San Leonardu, 1996

'Tkellimna ma' Leonard Muscat', intervista fuq *Miż-Żgħżagħ għaż-Żgħażagħ Iljuni*, Ħarġa Nu. 2, Marzu / April 2004, Sezzjoni Żgħażagħ Ulied il-Patrun San Leonardu, 2004

'is-6 ta' Novembru... dari u illum -intervista ma Leonard Agius', *Miż-Żgħażagħ għaż-Żgħażagħ Iljuni'*, Ħarġa Nu. 7, Ottubru, Novembru, Diċembru, Sezzjoni Żgħażagħ Ulied il-Patrun San Leonardu, 2006

Agius Leonard , 'Il-Festa ta' San Leonardu u l-Użanzi', *Programm tal-Festa 1996*, Għaqda Mużikali San Leonardu 1996

Agius Leonard, 'Għaqda Mużikali San Leonardu', in, Schiavone Michael (Ed.), *L-Istorja tal-Każini tal-Baned f'Malta u Għawdex*, Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 1997/98

Agius Leonard u Carbone Joseph, 'Profili dwar is-Surmastrijiet tal-Banda li dderigew lill-Banda San Leonardu', Programm tal-Festa 1999, Għaqda Muzikali San Leonardu, 1999

Agius Leonard, 'Waslet il-Festa', Programm tal-Festa 2003, Għaqda Mużikali San Leonardu, 2003

Agius Leonard, 'Tagħrif dwar il-Festa tal-Missier Tagħna l-Koppin San Leonardu', Programm tal-Festa 2006, Għaqda Mużikali San Leonardu, 2006

Azzopardi Pawlu, 'Hal Kirkop fl-Eqqel tal-Bitz -1942', *Leħen is-Soċjeta' Mużikali San Ġużepp - Festa 2008'*, Soċjeta Mużikali San Ġużepp, 2008

Boissevain Jeremy, *Saints and Fireworks – Religion and Politics in Rural Malta*, Progress Press Co. Ltd., 1993

Boissevain Jeremy, *HalKirkop – A village in Malta'*, Midsea Books Ltd, 2006 (1st Ed. 1969)

Camilleri Mary Jane, *Soċjetajiet Filarmoniċi Maltin u Għawdxin*, teżi mhux ippublikata, Universita' ta' Malta, 1990

Carbone Joseph, 'Tagħrif dwar il-Ħajja ta' Giovanni Battista Cutajar – l-awtur tal-ktieb fuq il-ħajja ta' San Leonardu Abbati, Patrun ta' Ħal Kirkop, miktub sebgħin sena ilu', *Programm tal-Festa 1999*, Għaqda Mużikali San Leonardu, 1999 ġiħ

Carbone Joseph, 'Il- bandalora – 50 sena minn meta saret', *Programm tal-Festa 1999*, Għaqda Mużikali San Leonardu, 1999ġiiħ

Carbone Joseph, 'Tifħir lil San Leonardu Abbati – 50 Sena Minn Meta Nkiteb', *Programm tal-Festa 2004*, Għaqda Mużikali San Leonardu 2004

Cassar John M., *Il-Fratellanza ta' San Ġużepp ta' Ħal Kirkop - l-istorja ta' mitt sena 1878-1978*, Soċjeta' Mużikali San Guzepp Ħal Kirkop, 1978

De Lucca Denis, 'Faċċati Antiki ta' Bini f'Ħal Kirkop, in, Horatio C.R. Vella (ed.), *Ħal Kirkop u l-inħawi ta' madwaru,* Vol. 2, Kunsill Lokali Kirkop, 2008

Farrugia Christopher, 'L-Armar', *Programm tal-Festa 1998*, Għaqda Mużikali San Leonardu, 1998

Farrugia Christopher, ' Il-Banda San Leonardu – Għeluq il-mitt sena mit-twaqqif tagħha', Programm tal-Festa 2000

Galea Michelle u Balzan Francesca , *Palazzo Falson Historic House Museum*, Fondazzjoni Patrimonju Malti, 2007

Mifsud Bonnici Robert,*Ġrajja ta' Baned f'Malta u Għawdex*, Muscat, 1956-57

[1] Ħajr lill-President Onorarju Leonard Agius u lis-Sur Joseph Carbone tal-għajnuna u l-koperazzjoni tagħhom f'dan l-artiklu. F'isem l-Għaqda Mużikali San Leonardu nirringrazzjahom ukoll għall-għajn dejjem attenta li kellhom lejn l-istorja ta' Ħal Kirkop u l-każin.

[2] Noti personali ta' Carmelo Agius

[3] Dwar Maestro Ignazio Catania ara: L. Agius u J. Carbone, 1999, p.39

[4] La Gazzetta di Malta, 3 ta'Novembru ,1896, p.2

[5] La Gazzetta di Malta, 21 ta'Novembru ,1896, p.3

[6] Guida Generale di Malta e Gozo per l'Anno 1899, p.280

[7] Guida Generale di Malta e Gozo per l'Anno 1903, p.320

[8] M. Galea u F. Balzan, 2007, pp.3-12

[9] Noti personali ta' Carmelo Agius

[10] Noti personali ta' Carmelo Agius

[11] Ara: M. Galea u F. Balzan, 2007

[12] Grazzi lil Francesca Balzan M.A., kuratrici ta' Palazzo Falson

[13] Noti personali ta' Carmelo Agius; J.Carbone, 1999 ġih, pp.35-36
Fuq il-binja li probabli f'xi żmien kienet tintuża bħala mitħna tal-miexi (għalhekk baqgħet magħrufa bħala l-mitħna ara: D. De Lucca, 2008, p. 280

[14] J. Carbone, 1999ġih, pp.35-36

[15] Noti personali ta' Carmelo Agius

[16] Noti personali ta' Carmelo Agius

[17] Noti personali ta' Carmelo Agius

[18] Noti personali ta' Carmelo Agius

[19] L. Agius, 1997/98, p.180
Dwar Maestro Angelo Pace ara: L. Agius u J. Carbone, 1999, p.39

[20] Noti personali ta' Carmelo Agius; L. Agius, 1997/98, p.181
Dwar Maestro Joseph Bilocca u Maestro Leonard Agius ara: L. Agius u J. Carbone, 1999, p.39

[21] L. Agius, 1997/98, p.181
[22] Noti personali ta' Carmelo Agius
[23] L. Agius u J. Carbone, 1999, pp.41- 42
[24] Noti personali ta' Carmelo Agius
[25] Dwar Maestro Mikiel Angelo Farrugia ara: L. Agius u J. Carbone, 1999, p.42
[26] L. Agius, 1997/98, p.181
Dwar Maestro Gaetano Zammit ara: L.Agius u J. Carbone, 1999, p.43
[27] Noti personali ta' Carmelo Agius
[28] J. Boissevain, 1993, p.78
[29] Ghalkemm xi xjuh isostnu li l-hsara tal-gwerra kienet biss skuza sabiex tinbidel il-koppla li fil-verita'ma kienet ġarbet l-ebda hsara irreparabli Dwar dan ara: P. Azzopardi, 2008, pp.105-122
[30] J. Carbone, 1999ġiih, p.45
[31] J.M. Cassar, 1978, p.15
[32] J. Boissevain, 1993, p.79
[33] J. Boissevain, 1993, p.79
[34] J. Boissevain, 1993, p.79
[35] It-taghrif kollhu f'din il-parti ġie meħud minn: 'is-6 ta' Novembru... dari u illum -intervista ma L. Agius', 2006, p.3; L. Agius, 1996, pp.21-23
[36] L. Agius, 2006, p.111
[37] L. Agius, 2006, p.111
[38] L. Agius, 2006, p.111
[39] Noti personali ta' Carmelo Agius
Dwar l-Innu il-Kbir, Maestro George Martin u Dun Frans Camilleri ara: J. Carbone, 2004, pp. 59-61
[40] L. Agius, 2003, p.89
[41] Noti personali ta' Carmelo Agius
[42] L. Agius, 2006, p.111
[43] Noti personali ta' Carmelo Agius
[44] L. Agius, 2006, p.111
[45] J. Boissevain, 1993, p.63
[46] 'Tkellimna ma' Leonard Muscat', 2004, p.3
[47] Dwar din il-festa ara: *Programm Festa* 1999, Ghaqda Mużikali San Leonardu, 1999; C. Farrugia, 2000, pp. 99-103
[48] C. Farrugia, 2000, pp. 99-101
[49] J. Boissevain,1993, p.63
[50] J. Boissevain, 1993, p.63
[51] J. Boissevain, 1993, p.63
[52] 'Tkellimna ma' Leonard Muscat', 2004, p.3
[53] 'Tkellimna ma' Leonard Muscat', 2004, p.3
[54] L. Agius, 1996, pp.21-23
[55] L-Orizzont – 1 ta' Gunju, 1992, pp.1,2
[56] J. Carbone, 1999 ġiħ, pp.35-36
[57] C. Farrugia, 1998, pp.38-39
[58] L. Agius, 1997/98, p.179
[59] Emanuele Buhagiar hu l-awtur tal-ventaltar tar-rużarju, il- bradella tal-istatwa ta' San Leonardu u t-tabernaklu li jintrama' fil-festa u l- l-istess qaddis.
[60] L. Agius, 1997/98, p.180 ; 'Taghrif Dwar il-Pedestal',1996, p.27
[61] J. Carbone, 1999, p.45
[62] Noti personali ta' Carmelo Agius
[63] L. Agius, 1997/98, p.179

***Hu fil-ħsieb tagħna illi fi żmien qasir titnehda pubblikazzjoni ta' tifkira dwar il-festa anniversarja b'ħarsa lejn dawn il-150 sena ta' storja. Għaldaqstant inħeġġu lil kull min għandu xi tagħrif ieħor, speċjalment ritratti antiki dwar il-Knisja u l-ħajja tal-Għaqda Mużikali San Leonardu sabiex javviċina lis-Sur Kenneth Cassar. Grazzi.***